# Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija

16 Il-Mall, Floriana FRN 1472. Numru tat-Telefown: 2590 6306/9


## Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti Bniet
## Tas-Sitt Sena fl-iskejjel ta' St Francis 2021-2022

1. **STUDENTI BNIET TAS-SITT SENA**

2. L-istudenti **bniet** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru s-Sekondarja ta' St Francis tas-Sliema. Dan it-transfer isir b'applikazzjoni fejn jingħataw id-dettalji tal-istudenta.

3. L-applikazzjonijiet isiru **onlajn, agħfas hawn,** mit-Tnejn, 26 t' Ottubru sal- Ħadd, 1 ta' Novembru, 2020. Wara li ssir l-applikazzjoni il-ġenituri jirċievu imejl bin-numru tal-applikazzjoni u d-dettalji sottomessi, u imejl oħra b'konferma tal-applikazzjoni sat-30 ta' Novembru 2020. F'każ li dan ma jseħħx mitlub tikkomunika mal-Bord fuq id-dettalji t'hawn taħt.

4. Għal kull applikazzjoni jsir ħlas ta' €3 sabiex jiġu koperti l' ispejjeż amministrattivi. Ikun hemm bżonn ta' VISA card sabiex issir il-pagament onlajn.

5 Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex issir l-applikazzjoni onlajn jista' jċempel fuq 2590 6306/9 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7:30 a.m u t-3:30 p.m jew l-iskola li fiha tattendi l-istudenta, B'Kara 21442205; Bormla 21665410; iMsida 21335513.

6 Kull applikazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola fejn tattendi l-istudenta.

7. **STUDENTI SUBIEN TAS-SITT SENA**

8. L-istudenti **subien** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru fi skola sekondarja oħra tal-Knisja, sakemm ikun hemm post vakanti.

9. Dawn l-istudenti għandhom japplikaw taħt il-Kriterju Skola Bla Kontinwità skont ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2021-2022 li jiġu ppublikati fix-xahar ta' Novembru 2020.

10. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

11. F'każ ta' bżonn tistgħu ċċemplu fuq 2590 6306/9 jew tibgħatu imejl fuq cynthia.cassar@maltadiocese.org